Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,321, 1 ta' Ottubru, 2024

Taqsima B

A.L. 242 tal-2024

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Financial Mathematics and Risk Management – B.Sc. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenza

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 74(5) u 75(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenza bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Financial Mathematics and Risk Management – B.Sc. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenza.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tax-Xjenza;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord;

"id-Diploma" tfisser id-Diploma in Financial Mathematics and Risk Management;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Financial Mathematics and Risk Management – B.Sc. (Hons);

"il-Higher Diploma" tfisser il-Higher Diploma in Financial Mathematics and Risk Management;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Financial Mathematics and Risk Management – B.Sc. (Hons); u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2019.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2024 jew wara.

Ir-Rekwiżiti Speċjali għad-Dħul fil-Kors

3. Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul, ikunu għaddew fil-Livel Avvanzat bi Grad Ċ jew ogħla fil-Matematika Pura.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq medda ta' erba' snin ta' studju fuq bażi full-time jew l-ekwivalenti fi studju fuq bażi part-time.

Il-Programm ta' Studju

5. Il-Bord tal-Istudji għandu jippubblika l-programm tal-istudju qabel il-bidu ta' kull Kors wara l-approvazzjoni tas-Senat. Suġġett għal tibdiliet li l-Bord tal-Istudji jista', bl-approvazzjoni tas-Senat, ikun kostrett jagħmel, l-istudenti huma marbuta li jsegwu t-taqsimiet-studju u jiksbu l-kretti kif indikat fil-programm tal-istudju għall-Grad, sakemm li l-programm ikun imfassal skont il-provvedimenti rilevanti tar-Regolamenti Prinċipali.

6. Biex ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Grad, l-istudenti huma meħtieġa jirreġistraw u jgħaddu minn taqsimiet-studju li għalihom hemm assenjati total ta' 240 kretti ECTS.

7. L-istudenti li jtemmu b'suċċess taqsimiet-studju li għalihom hemm assenjati tal-anqas 60 krettu ECTS u jagħżlu li ma jkomplux il-Kors jew, wara li komplew ma jkunux spiċċaw il-Kors b'suċċess, ikunu eliġibbli għall-għoti tad-Diploma.

8. L-istudenti li jtemmu b'suċċess taqsimiet-studju li għalihom hemm assenjati tal-anqas 120 krettu ECTS u jagħżlu li ma jkomplux il-Kors jew, wara li komplew ma jkunux spiċċaw il-Kors b'suċċess, ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Higher Diploma.

Il-Klassifikazzjoni tal-Għotjiet

9. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-klassifikazzjoni tad-Diploma, tal-Higher Diploma u tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba f'kull sena tal-Kors, bis-snin kollha jingħataw piż ugwali.

10. Il-klassifikazzjoni tal-għotjiet għandha tkun ippubblikata skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali.

Il-Provvedimenti għall-Korsijiet Part-Time

11. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet segwiti fuq bażi part-time, u suġġett għal dawk it-tibdiliet li raġonevolment jistgħu jitqiesu mill-Bord bħala neċessarji minħabba n-natura part-time tal-Kors.

12. Il-Kors jista' jiġi offrut ukoll fuq bażi part-time flessibbli bil-provvedimenti speċjali li ġejjin skont il-provvedimenti mniżżla fir-Regolamenti Prinċipali, applikabbli bit-tibdil meħtieġ *(mutatis mutandis)* minħabba n-natura part-time tal-Kors:

(a) Matul kull sena akkademika, l-istudenti għandhom jitħallew jirreġistraw għal għadd ta' taqsimiet-studju kif miftiehem mal-Koordinatur tal-Kors, li għalihom ikun hemm assenjati mhux anqas minn 12-il krettu ECTS, sakemm li r-reġistrazzjoni għat-taqsimiet-studju inklużi fil-programm ta' studju għal kull sena tal-Kors (60 krettu ECTS) tkun mifruxa fuq mhux aktar minn tlett snin akkademiċi;

(b) Sabiex isir progress regolari minn sena tal-Kors għall-oħra, is-60 krettu ECTS ta' kull sena tal-Kors iridu jitlestew f'mhux aktar minn tlett snin akkademiċi;

(ċ) L-istudenti li jkunu assenti għall-valutazzjoni ta' taqsima-studju, jew ma jgħaddux mill-valutazzjoni ta' taqsima-studju għandhom, jekk eliġibbli, ikunu meħtieġa joqogħdu għall-valutazzjoni ta' kwalunkwe għadd ta' taqsimiet-studju mhux kompluti fis-sessjoni ta' valutazzjoni ta' Settembru jew fl-opportunità disponibbli li jkun imiss;

(d) Jekk neċessarju, l-istudenti jistgħu jitħallew jirreferu l-valutazzjoni ta' taqsima-studju għas-sena akkademika li jkun imiss, sakemm li mhux aktar minn 12-il krettu ECTS jistgħu jiġu riferuti minn sena tal-Kors għall-oħra;

(e) Il-valutazzjoni tat-taqsimiet-studju li jistgħu jiġu riferuti għas-sena akkademika ta' wara għandhom jitqiesu bħala addizzjonali għall-għadd minimu ta' 12-il krettu ECTS li l-istudenti huma obbligati jirreġistraw għalihom matul kwalunkwe sena akkademika;

(f) L-istudenti li, wara li jkunu rreġistraw għat-taqsimiet-studju kollha inklużi fil-programm ta' sena tal-Kors, u li wara s-sessjoni ta' Settembru jkun jonqoshom aktar minn 12-il krettu ECTS biex itemmu l-programm għas-sena tal-Kors, jistgħu jitħallew, jekk eliġibbli u wara parir akkademiku, jirreferuhom għas-sena akkademika li jmiss li matulha m'għandhomx jitħallew jirreġistraw għall-ebda taqsimiet-studju oħra. Jekk din is-sena akkademika tkun meħtieġa b'żieda mal-perijodu massimu ta' tlett snin imsemmi fil-paragrafu (b) ta' dan l-ordinament, din għandha titqies bħala sena addizzjonali;

(g) L-istudenti li, wara li jkunu rreġistraw għat-taqsimiet-studju kollha inklużi fil-programm tal-aħħar sena, jistgħu, jekk meħtieġ u jekk eliġibbli, jirreferu kwalunkwe taqsimiet-studju mhux kompluti għal sena akkademika addizzjonali;

(h) Sena addizzjonali, kemm jekk meħieġa skont il-paragrafi (f) jew (g) tista' tingħata darba biss matul il-Kors, sakemm mhux f'ċirkostanzi speċjali u bl-approvazzjoni tas-Senat;

(i) L-istudenti reġistrati fil-programm part-time flessibbli għandhom jiksbu l-approvazzjoni tal-Koordinatur tal-Kors qabel ma jiġu reġistrati għat-taqsimiet-studju li jixtiequ jsegwu fi kwalunkwe sena akkademika.

(j) Suġġett għall-approvazzjoni tal-Bord, l-istudenti reġistrati fil-Kors jistgħu jitħallew jibdlu l-mod ta' attendenza minn full-time għal part-time flessibbli jew viċe versa fil-bidu tat-tieni sena tal-programm ta' studju regolari. Il-bidliet fil-mod ta' attendenza fi kwalunkwe sena sussegwenti tal-Kors jistgħu jkunu ikkunsidrati mill-Bord, jekk il-programm tal-Kors jippermetti; u

(k) Minkejja l-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali, minħabba n-natura tal-Kors meta offrut fuq bażi part-time flessibbli li tippermetti perijodu itwal min-normal, l-istudenti reġistrati fuq programm ta' Kors part-time flessibbli bħal dan m'għandhom qatt ikunu intitolati li jirrepetu sena ta' Kors sħiħa kollha, u lanqas għal sena ta' estensjoni wara kull sena tal-Kors.